# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024**

**Numru 18**

**Rikors numru 657/2022/1 DC**

**Repubblika**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Fil-25 ta' Lulju 2022 l-attriċi fetħet kawża fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla bażata fuq l-artikolu 469B(1) tal-Kap. 12 sabiex jiġi mistħarreġ dak li qiegħda tirreferi għaliha bħala deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali sabiex ma ssirx prosekuzzjoni kontra numru ta' persuni li qalet li kellhom rwol jew konnessjoni mal-każ tal-Pilatus Bank.

2. Il-kwistjoni f'din id-deċiżjoni titratta dwar jekk is-smigħ tal-kawża għandux isir bil-magħluq. B'digriet tat-13 ta' Ġunju 2023 l-ewwel qorti ħassret ordni li kienet tat l-istess qorti fit-8 ta' Novembru 2022 u ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-miftuħ.

3. Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 l-Avukat Ġenerali talab li s-smigħ tal-kawża jsir bil-magħluq. Waqt is-seduta kien ġie verbalizzat hekk:

> *"L-avukat tal-partijiet jaqblu li għalissa l-provi li ħa jinġabru mil-lum 'il quddiem ħa jinstemgħu bil-magħluq u li l-avukati u l-partijiet li ħa jkunu preżenti waqt is-sedua ma jistgħux jiżvelaw dak li jkun intqal. Il-verbali u l-provi kollha li ħa jinġabru mil-lum 'il quddiem għalissa m'għandhomx ikunu pubbliċi. Barra minn hekk l-atti tal-kawża għandhom jibqgħu fis-sigrieta b'aċċess biss mill-partijiet u lill-avukat tagħhom.*
>
> *L-avukati tal-konvenuta jintrabtu li sas-seduta li jmiss jipprovaw iġibu prova dwar deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal arbitrali taħt l-ICSID Convention. Wara li tiġi ppreżentata din il-prova, il-Qorti tirriżerva li tagħti digriet jekk dawn il-proċeduri għandhomx jibqgħu bil-magħluq jew le"*.

4. Fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023 il-konvenuta ppreżentat nota u dokument b'referenza għal dak li ntqal fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 dwar proċeduri fit-Tribunal Internazzjonali tal-International Centre for Settlement of Investment Disputes. Fil-verbal jingħad:

> *"Il-konvenut ippreżenta nota b'dokument imsemmi fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2022 a bażi ta' liema qed jinsisti li l-proċeduri għandhom jitkomplew bil-magħluq in sostenn ukoll ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-istess udjenza"*.

5. Fil-verbal jingħad li l-ewwel qorti rriżervat li tagħti digriet dwar jekk is-smigħ tal-kawża għandux jitkompla bil-magħluq.

6. Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2023 ingħata d-digriet li bih l-ewwel qorti ħassret id-digriet tat-8 ta' Novembru 2022 u ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-miftuħ. Fid-digriet saret referenza għall-ittra tal-imsemmi Tribunal. Il-qorti qalet:

*"Illi għandu jiġi rilevat li l-arbitraġġ pendenti quddien l-ICSID isemma' għall-ewwel draba f'dawn il-proċeduri fir-rikorsi preżentati mill-konvenuta u x-xhud l-Ispettur Pauline D'Amato f'l-4 ta' Novembru 2022*[1]*. Permezz ta' dawk ir-rikorsi kemm il-konvenuta kif ukoll l-Ispettur Pauline D'Amato talbu r-revoka tad-degriet permezz ta' liema huma ġew ordnati jixhdu u l-Ispettur D'Amato giet ordnata ukoll tippreżenta xi dokumenti. Waħda mir-raġunijiet mgħotija in sostenn ta' dawn it-talbiet kienet il-fatt li preżentement hemm proċeduri ta' arbitraġġ internazzjonali f'l-ICSID kontra Malta li jirrigwardaw dina l-kwistjoni liema proċeduri ta' l-ICSID huma protetti b'kunfidenżjalita assoluta.*

*Illi kien fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi li waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru 2022 ġie deċiż li l-kawża titkompla bil-magħluq u l-konvenuta intrabtet li ġġib prova dwar xi deċiżjoni tat-Tribuanl arbitrali taħt l-ICSID.*

*Illi l-konvenuta għamlet dak li intrabet tagħmel billi f'l-udjenza miżmuma fis-16 ta' Marżu 2023 prezentat ittra tas-segretarju tat-Tribunal arbitrali ta' l-ICSID datata 19 ta' Diċembru 2022.*

*Illi f'din l-ittra li hija intestata "Re Alpene Ltd vs Republic of Malta (ICSID Case No ARB/21/36)" huwa speċifikat li skond ir-regolamenti hemm imsemmija "the ICSID Secretariat will publish the award and any order or decision in the present case where both parties consent to publication. Otherwise ICSID will publish excerpts of the award pursuant to Arbitration Rule 48(4) and include bibliograhic references to rulings made public by other sources on ICSID's website and in its publications."*

*Ikkunsidrat*

*Illi minn din l-ittra jidher li qed issir kjarifika dwar kif, u minn min, għandha tingħata pubbliċita lill-eventwali deċiżjoni tat-tribunal (the award) fl-arbitraġġ li għalih qed tirreferi. Din l-ittra pero la hija deċiżjoni tat-tribunal tal-ICSID u lanqas ma tista' titqies bħala xi deċiżjoni li qed torbot lill-Qrati Maltin dwar kif għandha tirregola s-smigħ fil-proċeduri odjerni.*

*Illi ladarba l-ordni mogħti fit-8 ta' Novembru 2022 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta jidher li kien marbut mal-allegat obbligu ta' segretezza impost mit-tribunal fuq imsemmi u ladarba ma nġiebet l-ebda prova ta' tali obbligu, ma jidhirx li s-smigħ tal-kawża bil-magħluq jista' jibqa' jiġi ġustifikat".*

7. B'rikors preżentat fit-23 ta' Ġunju 2023 l-Avukat Ġenerali talab permess sabiex jappella mill-imsemmi digriet. B'digriet mogħti fit-13 ta' Lulju 2023 l-ewwel qorti laqgħet it-talba tal-konvenut.

---

[1] A fol 182 u 176 rispettivament.

8. Fir-rikors tal-appell preżentat fid-19 ta’ Lulju 2023, l-Avukat Ġenerali jilmenta li:

i. Il-kawża kienet qiegħda tinstema’ bil-magħluq minħabba s-sensittivita’ u l-kunfidenzjalita’ tal-proċeduri li qegħdin jiġu impunjati;

ii. Il-pubbliċita tal-kawża diġa’ ħoloq paniku kbir ukoll minn persuni li talbu sabiex jintervjenu fil-kawża;

iii. L-Avukat Ġenerali qiegħed ikollu jagħti spjegazzjoni ta’ deċiżjonijiet li ttieħdu u investigazzjonijiet li jista’ jkun hemm fil-futur. Żvelar ta’ dan it-tagħrif idgħajjef il-ħidma tal-prosekuzzjoni għaliex jixħet dawl dawl dwar azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fil-futur mill-Avukat Ġenerali;

iv. Hemm proċeduri ta’ treġġiegħ lura ta’ persuni li għadhom pendenti kif ukoll ġew preżentati dokumenti li dwarhom ma nkisbitx l-awtorizazzjoni skont l-art. 518 tal-Kodiċi Kriminali, u qiegħda tinstema’ xhieda b’referenza għall-imsemmija dokumenti. F’dan ir-rigward il-qorti li quddiemha ġie ppreżentat il-proċess verbal ta’ inkjesta maġisterjali u dokumenti rilevanti, diġa’ ċaħdet it-talba sabiex l-attriċi tingħata kopja tal-proċess verbal;

v. L-attriċi għandha aċċess għal dokumenti b’mod li ma tipprovdix il-liġi u qiegħda titħalla tixhed dwarhom fil-miftuħ. Dan b’dannu għall-inkjesta maġisterjali li b’hekk qiegħda ssir pubblika bi preġudizzju għall-investigazzjonijiet u l-proċeduri ta’ arbitraġġ internazzjonali kontra Malta;

9. L-attriċi wieġbet fit-30 ta’ Awwissu 2023 u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-qorti għandha tiċħad l-appell.

<u>Konsiderazzjoni</u>.

10. Fil-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Novembru 2022 id-difensur tal-Avukat Ġenerali talbet li l-proċeduri jinstemgħu bil-magħluq *“minħabba s-sensittivita’ tal-każ”*. Imbagħad saret referenza għall-proċeduri ta’ arbitraġġ internazzjonali, kif reġgħet saret fis-seduta tas-16 ta’ Marzu 2023.

11. Mill-ittra mibgħuta mill-International Centre for Settlement of Investment Disputes datata 19 ta' Diċembru 2022 (fol. 557) b'referenza għall-proċeduri Alpene Ltd vs Republic of Malta (każ numru ARB/21/36), ma jirriżulax li t-talba biex il-kawża tinstema' bil-magħluq hi ġustifikata. Apparti l-fatt li m'huwiex ċar x'konnessjoni jista' għandhom dawk il-proċeduri mal-kawża tal-lum, ma jirriżultax li l-attriċi hi parti f'dawk il-proċeduri. L-istess jingħad għall-Avukat Ġenerali, li wkoll naqas milli jagħti spjegazzjoni ċara u konvinċenti kif is-smigħ tal-kawża bil-magħluq hu kruċjali għall-finijiet ta' dak l-arbitraġġ internazzjonali. Inoltre, l-ittra tal-ICSID tirreferi biss għall-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni jew ordni li tkun ingħatat f'dawk il-proċeduri. Regolament 48(4) tal-Konvenzjoni tal-ICSID jipprovdi li l-award jiġi pubblikat bil-kunsens tal-partijiet, għalkemm estratti tal-motivazzjoni jiġu inklużi fil-pubblikazzjoni taċ-Ċentru. Dak il-fatt ma jfissirx li kull prova li titressaq f'dawk il-proċeduri ma tistax titressaq bħala prova f'kawżi oħra, kif ipprova jagħti x'jifhem l-Avukat Ġenerali fin-nota li biha ppreżenta l-ittra tal-ICSID datata 19 ta' Diċembru 2022. Din il-qorti taqbel mar-raġunament li għamlet l-ewwel qorti b'referenza għal dik l-ittra u m'għandhiex x'iżżid.

12. L-ewwel qorti bbażat id-digriet fuq dak li jingħad fl-imsemmija ittra. Għalkemm fil-verbal tat-8 ta' Novembru 2022 jissemma s-sensittività tal-każ, kemm f'dak il-verbal u wkoll fil-verbal tas-16 ta' Novembru 2023 issemmew biss l-ittra tal-ICSID. Kien biss f'nota preżentata fid-9 ta' Novembru 2022, l-għada tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, li l-Avukat Ġenerali għamel dikjarazzjoni unilaterali u talab lill-ewwel qorti sabiex tieħu miżuri biex, *".... tassigura illi informazzjoni privileġġata ma tiġix mikxufa bi preġudizzju għal investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin"*. Nota li ma jirriżultax li l-ewwel qorti tat xi provvediment dwarha.

13. L-attriċi qiegħda tressaq provi fil-meritu minkejja li l-eċċezzjonijiet preliminari li ta l-Avukat Ġenerali għadhom mhux deċiżi, fejn *inter alia* qiegħed isostni li l-attriċi m'għandhiex *locus standi* għaliex m'hijiex partri offiża. Fil-fatt b'digriet mogħti fid-29 ta' Settembru 2022 (fol. 57) l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tal-Avukat Ġenerali sabiex tingħata sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, wara li qalet li *"Anzi huwa aħjar u aktar xieraq, anke minħabba n-natura serja ta' din il-kawża, li proċedura bħal din tinqata' b'sentenza waħda, wara li tisma' l-provi kollha tal-partijiet. Wara kollox, l-Avukat Ġenerali Victoria Buttigieg xorta trid tixhed biex issaħħaħ l-ewwel eċċezzjoni preliminari li hija għadha ma ħaditx deċiżjoni"*.

14. Provi li jinkludu atti minn inkjesta maġisterjali li ġew f'idejn l-attriċi mhux bil-mod li tikkontempla l-liġi. Provi li jinkludi rapport tat-30 ta' Ġunju 2022 li sar minn Duff & Phelps Ltd, kumpanija li kienet inkarigata mill-Maġistrat Inkwirenti fl-inkjesta dwar l-operat tal-Pilatus Bank.

15. Għal dawk li huma dokumenti li ġew eżibiti mingħajr permess tal-qorti kompetenti, fejn skont il-liġi hu meħtieġ permess (artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali), m'hemm xejn x'iżomm lill-ewwel qorti milli *inter alia* tagħti l-ordnijiet li tqis li huma meħtieġa għalkemm dawn, jew għallinqas uħud minnhom, ilhom żmien fid-dominju pubbliku.

16. Għal dak li hu smigħ tal-kawża fil-pubbliku jew bil-magħluq, il-qorti mhi konvinta xejn mill-argument tal-Avukat Ġenerali. Li l-Avukat Ġenerali jargumenta li l-kawża tidher li ħolqot *'paniku kbir'*, hi ferm 'il bogħod mill-verita'. Kull ma ġara hu li Antonella Gauci u persuna oħra li fil-konfront tagħha ittieħdu proċeduri kriminali, talbu sabiex jintervjenu fil-kawża. Talbiet li ġew miċħuda. Dak il-fatt żgur li ma jiġġustifikax li l-kawża tinstema' bil-magħluq.

17. Hemm deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni fil-konfront ta' tnejn mill-persuni li jissemmew fir-rikors promotur. Fir-rigward

ta' persuni oħra li jissemmew fir-rikors maħluf u li l-attriċi qalet li l-Maġistrat inkwirenti ordna li jittieħdu proċeduri kriminali (ara fol. 3), jirriżulta li nħarġu mandati ta' arrest bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali (ara deposizzjoni tal-ispettur Pauline D'Amato u dokumenti li ppreżentat fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022) li jidher li għadhom ma ġewx eżegwiti.

18. Fid-dawl tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi taqta' l-kawża b'sentenza waħda flok tagħti deċiżjoni fuq l-eċċezzjonijiet preliminari qabel tisma' xhieda fuq il-meritu, ovvjament minħabba n-natura tal-kawża, fil-meritu l-Avukat Ġenerali ser ikollu jagħti spjegazzjoni ta' x'wasslu biex jiddeċiedi li ma ssirx prosekuzzjoni fil-konfront ta' Mehmet Tasli u Antonella Gauci. Ovvjament mhux ser isir stħarriġ ta' deċiżjonijiet li jistgħu jittieħdu fil-futur mill-Avukat Ġenerali, għaliex la ma ttiħdux m'humiex magħrufa. L-għan tal-kawża hu biss li jiġi mistħarreġ x'deċiżjonijiet ittieħdu mill-Avukat Ġenerali, b'mod partikolari fil-konfront ta' Tasli u Gauci. Il-qorti ma tarax kif l-għoti ta' dak it-tagħrif fil-pubbliku, *"7..... idgħajjef bis-sħiħ il-ħidma tal-prosekuzzjoni għaliex jixħet dawl dwar azzjonijiet li jistgħu jittieħdu fil-futur mill-appellanti ......"*.[2] Dikjarazzjoni ġenerali bħal dik m'hijiex biżżejjed biex tikkonvinċi lil din il-qorti li s-smigħ tal-kawża għandu jsir bil-magħluq. L-istess meta jingħad li għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet, jekk għadhom għaddejjin. L-inkjesta tal-Maġistrat relatata mal-operat tal-Pilatus Bank ilha magħluqa u l-Avukat Ġenerali xehdet li intbagħatet l-uffiċċju tagħha fit-2 ta' Diċembru 2020. M'hemmx dubju li l-pulizija u l-Avukat Ġenerali kellhom żmien sabiex jagħmlu dak li hemm bżonn fir-rigward. Fil-fatt ittieħdu deċiżjonijet, fis-sens li nbdew proċeduri kriminali kontra persuni, inħarġu mandati ta' arrest internazzjonali kontra persuni oħra li jissemmew fl-inkjesta, u saħansitra l-Avukat Ġenerali ħareġ ordni li m'għandhomx jittieħdu proċeduri kriminali kontra Tasli u Gauci (art. 569(6) tal-Kodiċi Kriminali), wara talba li rċieva mingħand il-pulizija. Fatti li ilhom żmien twil fid-dominju pubbliku. Il-fatt li jista' jkun li għadha

[2] Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali.

għaddejja xi investigazzjoni dwar dak li rriżulta mill-inkjesta, m'huwiex biżżejjed biex issir ordni li l-kawża tinstema' bil-magħluq. Dan meta ma ngħata l-ebda ħjiel dwar x'inhuma dawk l-investigazzjonijiet u kemm hu kruċjali li jibqa' sigriet dak li joħroġ waqt is-smigħ tal-kawża. Għalhekk il-qorti ma taqbilx li jkun hemm *blanket order* fis-sens li s-smigħ tal-kawża jsir bil-magħluq.

**<u>Deċiżjoni</u>:**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali bl-ispejjeż kontriha.

Ir-Reġistratur għandu jibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss